L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 15 ta' Awissu, 2003

# F'nofs sandwicc ekonomiku

Hemm certi sitwazzjonijiet fejn l-aghar li tista' tkun fin-nofs! Per ezempju jekk tmur tara film fic-cinema u tinzerta fis-siggu tan-nofs tar-ringiela, ma tantx tiehu pjacir tqum lil kull min irid jghaddi 'l hemm jew 'l hawn. Lanqas jekk tkun f'xi ajruplan fi fliet sidini fin-nofs u kulhadd madwarek jorqod u ma tkunx tista' tqum minhabba fihom.

L-istess nistghu nghidu ghal meta tipprova taqsam it-triq u tieqaf fin-nofs bil-karozzi taz-zewg nahat jistghu jolqtuk flok bil-karozzi biss ta' naha wahda gejjin min-naha tieghek. Fi kliem iehor, xi kultant li tkun fin-nofs tista' tispicca bejn sema u ilma.

Izda llum xtaqt niddeskrivi kif ahna l-Maltin bi shubija shiha fl-Unjoni sirna perzuta f'nofs sandwicc ekonomiku! Nahseb li tifmuha li l-Unjoni Ewropea donna sandwicc jew *hamburger* ekonomiku! Min jafni sew jaf li ma nikolx laham, jaf li nghid li tkun perzuta mhux xi haga sabiha ghalija.

Izda terga' u tghid, illum ma xtaqtx nitkellem, purament dwar l-ekonomija izda l-psikologija taghha. X'se taghmel shubija fl-Unjoni Ewropea lill-individwu Malti psikologikament?

Kulhadd ghandu jaqbel mieghi jekk nghid li mill-pajjizi kollha applikanti, Malta ghandha tkun fl-ahjar pozizzjoni. Izda kulhadd ghandu jaqbel mieghi meta nghid li meta nqabblu rwiehna mal-pajjizi membri, Malta ghandha tkun wahda minn ta' l-ahhar fejn jidhol l-istandard ta' l-ghajxien (bl-Ingliz: *standard of living*).

F'dan il-qasam ma setax jitkellem ahjar milli tkellem Karmenu Mifsud Bonnici dwar id-differenza bejn standard ta' l-ghajxien u l-kwalità ta' l-ghajxien.

Izda bla ma nidhlu f'dan id-dibattitu ahna zgur li se nigu x'imkien fin-nofs ta' l-iskala meta niehdu l-25 membri kollha ta' Unjoni futura.

Forsi ghall-pajjiz dan huwa pozittiv, izda zgur li mhux ghall-individwu. Il-Malti bhala Malti se jispicca l-iktar 'fqir' meta mqabbel mal-pajjizi digà membri u l-iktar 'sinjur' meta mqabbel mal-pajjizi applikanti li ghada pitghada se jkunu membri shah bhalna.

Dan se jkun ifisser li l-Malti li jkun jixtieq imur jghix barra mnn Malta, biex ikun ahjar milli hu, ikun irid jixtieq li jsib xoghol f'pajjizi tal-Punent ta' l-Ewropa, izda dan se jkun ifisser li jkun irid jixtri dar ecc. hemmhekk u daqshekk flus m'ghandux. Izda psikologikament ma rridux ninsew li l-Malti se jkun 'supperv' u jkollu kull dritt ikun.

Mhux lest, nghidu ahna, bhas-Sloven jew il-Pollakk, li jahdem b'pagi baxxi iktar minn dawk li kellu hawn Malta. Izda min-naha l-ohra jrid jikkompeti mal-Pollakk li lest li jahdem l-istess xoghol ghal paga inqas minn dik li jixtieq il-Malti.

Fi kliem iehor ghall-Malti, wahda mill-iskopijiet ewlenin li jaghmel lil pajjizu parti mill-Unjoni, kienet li jzid il-pagi u l-opportunitajiet tieghu.

Izda sa certu punt, baqa' fejn kien qabel individwalment, fis-sens li, jekk qabel ma nsiru membri, dan m'ghandux il-flus biex jghix barra minn Malta, daqshekk iehor, se jibqa' fl-istess ilma bi shubija shiha!

Fil-fatt l-istorja qieghda turina pjuttost il-kontra, ghax digà qeghdin jitnaqqru s-servizzi socjali. Mela ghall-Ewropa tal-Punent il-Malti huwa fqir.

Izda nahseb ukoll li psikologikament il-Malti qatt ma xtaq li jidhol fl-Unjoni biex jigi lura jiftahar li qieghed jaqla' Lm40 fix-xahar ghax qieghed joqghod f'xi pajjiz ta' l-Ewropa tal-Lvant. F'pajjiz fejn bil-paga li ghandna Malta, s'issa, tista' tmur u tghix ta' sinjur.

Jigifieri min-naha taghna l-Ewropa se tkun minn banda gholja hafna u mill-banda l-ohra fqira hafna. U ghalhekk, jekk irridu nammettu l-verità, l-Ewropa tal-Punent se tkun attraenti, izda mhux accessibbli u l-Ewropa tal-Lvant forsi tkun accessibbli, izda mhux attraenti.

Id-dizgrazzja kollha però se tkun li ahna se nkunu attraenti ghal kulhadd. Pajjizna se jkun attraenti ghall-Ewropa tal-Punent ghax meta jigi joqghod f'pajjizna jkun jisa' facilment jixtri fejn joqghod u jhallas l-ispejjez ta' kuljum filwaqt li jsib xoghol b'paga ftit inqas milli kellu. U fl-istess hin Malta se tkun attraenti ferm ghac-cittadini ta' l-Ewropa tal-Lvant li lesti jahdmu bi ftit flus u b'kundizzjonijiet hziena go pajjizna ghall-ftit paga li nistghu naghtuhom ahna tidher f'dinja ghalihom.

U l-Malti jibqa' fin-nofs! Dejjem jippretendi li l-paga tieghu se toghlilu ghax sirna membri shah fl-Unjoni u fl-istess hin dejjem jahsibha jekk qattx jista' jmur jahdem f'xi pajjiz tal-Punent bla ma jirriskja li jfalli finanzjarjament!

U l-istorja hija kollha psikologika. Il-problema tigi l-ewwel u qabel kollox mis-suppervja li ghandna bhala poplu li s'issa kien halqu fix-xghir u li ghalih li ssib xoghol fiss ta' età zghira hija xi haga li jippretendiha. Fil-fatt nista' nghid li zgur li lanqas l-Ewropej tal-Punent ma jippretendu x-xoghol daqshekk malajr fil-hajja u bl-istess kundizzjonijiet kif nippretenduhom ahna.

U ghalhekk, probabbilment il-poplu Malta, f"dan ir-rigward qata' biljett biex ihossu dejjem imdejjaq. Jew imdejjaq ghax ix-xoghol li sab jirrendi anqas minn li kellu, jew imdejjaq ghax baqa' dejjem bl-istess xoghol jittama f'kundizzjonijet u paga ahjar. Fil-fatt sakemm konna kuntenti lkoll f'pajjizna ma konniex noqoghdu nitkabbru li se nsibu xoghol ahjar barra minn Malta u l-paga kienet toghla minn zmien ghal zmien u l-kwalità tal-hajja tal-Malti dejjem toghla u qatt ma tmur lura.

Personalment digà naf min dahhal fellus kbir go rasu li jrid isib xoghol b'paga oghla barra minn Malta. Mela din il-persuna qieghda tghix imdejqa Malta ghax bniet hafna kastelli fl-arja, izda, issa, qieghda tirrealizza li biex takkwista xoghol barra minn Malta trid tikkompeti ma' aktar nies, trid tahseb ukoll ghall-akkomodazzjoni u l-ghajxien taghha f'dak il-pajjiz.

U ovvjament, qatt ma jghaddilha minn rasha li taccetta xoghol b'kundizzjonijiet aghar milli ghandha hawn Malta (ghalkemm ta' Malta ma tantx huma tajbin!) ghax f'mohhha bi shubija shiha tara biss progress f'hajjitha u mhux rigress.

U din se tkun ghal zmien twil id-dilemma tal-Maltin. Iktar kemm jghaddi z-zmien però, is-sitwazzjoni se tibqa' iktar tihrax.

Ghax il-Malti jibda jirrealizza li mhux talli l-Ewropa li holom biha hija differenti minn kif holomha, izda talli lanqas pajjizu stess ma baqa' kif kien jafu hu. Hemm tlett elementi li jridu jew ma jridux ikollhom jitbiddlu.

L-ewwelnett il-precizjoni romantika tal-lum li ghandna dwar l-Ewropa. It-tieni, Malta nnifisha (ghax ix-xoghol ma jibqax ghalina biss!) u fl-ahhar mill-ahhar irid jitbiddel il-Malti stess. U din ta' l-ahhar

se tkun l-iktar bidla li se twegga' 'l-poplu Malti ghax irid jibda jaccetta li ma jistax ikun supperv fl-ghazla tax-xoghol tieghu ghax jekk qabel ghal kull ghadma kien hawn mitt kelb, fil-gejjieni ghal kull ghadma se jkun hawn elf kelb!

Nittama biss li ma nibqghux hajjitna kollha noholmu b'hajja ahjar fl-Unjoni Europea u li xi darba naraw frott pozittiv mhux bhala pajjiz izda bhala individwu.

Kemm-il darba qabbilt l-Unjoni maz-zwieg u dak li se nerga' naghmel. Il-mara thares lejn ir-ragel differenti wara z-zwieg u… skond kif jghiduli… l-ewwel li jibda jbatti r-romanticizmu – ghalkemm, jien stess, jista' jkun li ghandkom ragun tghiduli li ma nistax nitkellem ghax ghadni ma ddecidejtx li nesperimenta iktar fil-fond dwar iz-zwieg! U bi shubija shiha issa jibdew il-pretensjonijiet u, dak li qabel kien holma sabiha ghal hafna, jibda jsir realtà wisq inqas attraenti.

J'Alla qatt ma jkolli ragun, izda, inhiex imbassar tajjeb jew nishet, ghax hafna minn dak li jkolli suspett fuqu, wara jigri li jaghtini ragun! Nittama li l-abbiltà tieghi hija l-ewwel wahda u mhux it-tieni – izda rigward kemm se jkun poplu ferhan il-poplu Malti fl-Unjoni digà nista' narah fi hbiebi – l-iktar dawk li holmu bil-kbir f'gejjieni ahjar bi shubija shiha fl-Unjoni.

Spiccajna wisq fin-nofs tas-sandwicc ekonomiku! Kieku konna minn ta' fuq jew minn ta' taht seta' jkollna gejjieni ahjar iktar facilment, izda, issa, hemm qeghdin!

Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net